MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## MIRIAM HAYMAN

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Carlo Ellul)**

**vs**

**Godfrey Spiteri ta' 26 sena, iben Emanuel u Catherine nee Meilaq, mwieled Pieta' fid-29 ta' Jannar, 1977, u joqghod BlK C 1, Bieb A, Flat 1, Il-Planec, Mosta detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 152477 (M).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Godfrey Spiteri li gie akkuzat talli nhar id-29.07.2001 ghall-habta tas-1.00

a.m. f'Ta' Qali limiti tar-Rabat, ghamel attentat ta' serq mill-vettura JAH-428 li kienet ipparkjata f'Ta' Qali, ghad-detriment ta' certu Emanuel Pace, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu, u liema attentat huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, dan kollu bi ksur tal-artikoli 41, 263, 267, 270 u 271 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe vettura bin-numru JAH-428 ghad-detriment ta' certu Emanuel Pace, liema hsara teccedi l-Lm 50, dan bi ksur ta' l-artikjolu 325 (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat li fi stadju bikri ta' l-interrogatorju huwa rregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat ukoll il-fedina penal tieghu li hija ghal kollox intatta.

Ghaldaqstant wara li rat l-artikolu 41, 263, 267, 270, 271 tal-Kapitlu 9 u 325 kif ukoll 17 tal-Kapitlu 9, qieset ukoll li fil-verbal 19/11/03 gie registrat ukoll li hallas ghad-danni kkagunati minnu. Rat ukoll l-artiklu 22 tal-kapitlu 446 u qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal zmien sena mil-llum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------